# Kunsill Lokali Marsaskala

228, Triq is-Salini, Marsaskala, Malta
Tel : 21637171, Fax : 21637744,
E-mail : marsaskala.lc@gov.mt

Minuti tal-laqgħa Nru : **49** li nżammet il-Kunsill Lokali Marsaskala Nhar **it-Tnejn 29 t'Awwissu 2016 fil-5.30p.m.**

## L-Ewwel Seduta

| | ***Membri*** |
|---|---|
| Sindku | Is-Sur Mario Calleja |
| Viċi Sindku | Is-Sinjorina Desiree' Attard |
| Il-Kunsilliera | Is-Sur Lawrence Ciantar<br>Is-Sur Daniel Spiteri<br>Is-Sur John B Camilleri<br>Is-Sur Sandro Gatt<br>Is-Sur Charlot Cassar<br>Is-Sinjura Elisabeth Cassar |
| Is-Segretarju Eżekuttiv | Is-Sur Josef Grech |
| Skrivana | Is-Sinjorina Chantel Zammit |
| Skuzat | Is-Sur Charlot Mifsud |

## ***Aġenda***

1. Konsiderazzjoni w Approvazzjoni tal-Minuti – Seduta Numru 48.
2. Punti li joħorġu mill-Minuti.
3. Komunikazzjoni u Korrispondenza li s-Sindku jixtieq li jressaq quddiem il-Kunsill.
4. Awtorizazzjoni tal-Ħlasijiet.
5. Aġġudikazzjoni tat-Kwotazzjoni MLC 03/2016 - Quotation for the service of a blacksmith to provide various works to Marsaskala Local Council.
6. Aġġudikazzjoni tal-Expression of Interest EOI 01/2016 - Street Advertising rights within the locality of Marsaskala
7. Mistoqsijiet.
8. Mozzjonijiet.
9. Informazzjoni mill-Kunsilliera.
10. Aġġornament.

Mayor
**Mario Calleja**

Vice Mayor
**Desiree` Attard**

Councillors
**John Baptist Camilleri**
**Charlot Mifsud**
**Charlot Cassar**
**Elisabeth Cassar**
**Lawrence Ciantar**
**Daniel Spiteri**
**Sandro Gatt**

Executive Secretary
**Josef Grech**

1.0 ***Qari w approvazzjonital-Minuti :***

1.1 **Laqgħa Nru 48(1) tal-20 ta' Lulju 2016:**

Il-minuti ġew meħuda bħala moqrija.

Ma kien hemm l-ebda korrezzjoni

***Il-Kunsillier is-Sur Daniel Spiteri ppropona l-approvazzjoni tal-minuti u l-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri ssekonda. Il-votazzjoni kienet 8 favur, 0 kontra.***

***Il-minuti ġew unanimament approvati u ffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv bħala dokument korrett.***

2.0 ***Punti li joħorġu mill-Minuti:***

2.1 **Laqgħa Nru 48(1) tat-20 ta' Lulju 2016:**

2.1.1 Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri tkellem fuq pagna 2 artiklu 2.1.1 rigward it-tindif tad-doggy bins, staqsa jekk il-Kunsill ħax passi fuq it-tindif.

Is-Segretarju Ezekuttiv qal illi jidher li t-tindif tad-doggy bins jinstab imnizzel f'zewġ kuntratti dak tal-ġbir ta' skart u dak tal-istreet sweeping. Kompla jgħid illi hu ta' l-ideja illi l-ewwel irid isir inventarju tad-doggy bins kollha li hawn fil-Lokal.

Il-Viċi Sindku s-Sinjorina Desiree Attard qalet illi hi kellha ilmenti mingħand residenti rigward id-doggy bins ta' Bella Vista.

Is-Sindku qal illi għandna nixtru doggy bins ġodda bħal dawk li xtrajna fil-bandli San Tumas għaliex huma ta' kwalita tajba ħafna u nbiddluhom ma dawk li m'għadhomx fi stat tajjeb ħafna fi Triq is-Salini.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi hu jaqbel mas-Sindku pero tajjeb illi dawn il-bins jiġu imnaddfa għaliex inutli li jsiru ġodda u jerġgħu jispiċċaw fi stat ħazin wara ftit zmien minħabba li ma jitnaddfux.

Il-Kunsillier is-Sur Sandro Gatt qal illi hu jaqbel illi l-ewwel isir inventarju imbagħad issir pressjoni fuq it-tindif.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi tajjeb li kull bin ikollu borza sabiex ngħamluha aktar faċli u dinjituza għal ħaddiema, kompla jgħid illi tajjeb illi tizdied doggy bin fi Triq il-Bajja quddiem Alexander's pub.

Kien hemm qbil unanimu illi jsir inventarju tad-doggy bins fil-Lokal u jinxtraw għaxra ġodda.

2.1.2 Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri tkellem fuq paġna 3 artiklu 2.1.1 u staqsa jekk il-Kunsill tkellimx mal-kuntrattur tal-istreet sweeping rigward il-fatt illi hawn ħafna toroq li mhux qed isirilhom qtugħ ta' ħaxix kompla jgħid illi hu rċieva ilment illi ħdejn is-Summer nights fi Triq ix-Xatt kien hemm ħafna ħmieġ u din qed tiġri ta' sikwiet, staqsa jekk il-Kunsill jistax jitlob lill-Wsteserv sabiex ikunu jistgħu inaddfu madwar l-iskips u dan is-servizz għandu jkun provdut ta' kuljum.

Is-Sindku qal illi l-Wsteserv ma jagħmlux ix-xogħol ta' kenniesa.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal illi fil-kuntratt tal-ġbir ta' skart hemm imnizzel illi madwar l-iskips għandu jiġi imnaddaf mil-istess kuntrattur waqt li jkun għaddej bix-xogħol tiegħu

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi la darba dan ix-xogħol huwa stipulat fil-kuntratt għandu jsir awtomatikament kuljum u mhux imorru biss meta l-Kunsill jiġbdilhom l-attenzjoni.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar staqsa jekk il-Kunsill jafx liema bring in sites huma l-aktar li jiġu abbuzati għaliex f'lokalitajiet oħra saru cameras ħdejn il-Bring in sites sabiex jinqata l-abbuz.

Il-Kunsillier is-Sur Charlot Cassar qal illi hu jisuġerixxi illi bħala Kunsill għandna niktbu lis-Segretarju Parlamentai għal artijiet lill-Planning Authority kif ukoll lill-ERA biex flimkien naraw kif tista tinstab soluzzjoni sabiex il-postijiet privati li huma vojta ma nħalluhomx jimtlew bl-iskart.

Is-Segretarju Ezekuttiv qal illi l-Kunsill prova kemm il-darba anke meta kien hemm kazi li nstab min kien is-sid tal-post ma ttieħdu l-ebda passi. Kompla jgħid illi darba l-Kunsill kien bagħat trakk sabiex inaddaf xi siti li kienu jinsabu gravi ħafna u kienet swiet lill Kunsill ħafna flus.

Il-Kunsill qabel unanimament illi nkellmu lill-R&A rigward it-tindif ta' skips u l-madwar kif ukoll nibgħatu ittra lill-entitajiet imsemmija mill-Kunsillier is-Sur Charlot Cassar rigward l-postijiet vojta illi jinsabu mimlijin bl-iskart.

2.1.3 Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri staqsa fuq paġna 3 artikli 2.1.5 jekk il-Kunsill tkellimx mas-Sur Ramon Deguara sabiex ikun jistgħa jgħin fil-manutenzjoni tal-latrini.

Is-Segretarju Ezekuttiv is-Sur Josef Grech qal illi hu tkellem mas-Sur Deguara pero s-servizzi li jistgħa joffri huma kollha bi ħlas. Kompla jgħid illi s-servizz tal-latrini qiegħed tajjeb ħafna kif ukoll saru manutenzjonijiet tajbin ħafna fihom u ilu ma jirċievi ilmenti għaliex grazzi għal kuntrattur il-ġdid u l-ħaddiema l-latrini qed ikunu nodfa u mantenuti sewwa.

2.1.4 Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri tkellem fuq paġna 5 artiklu 3.9 rigward Triq il-Vjola.

Is-Sindku qal qal illi hu ltaqa mas-Sur Michael Cohen kif ukoll mas-Sur Silvio Scerri mit-Tmalta fuq il-post u infurmawh illi fil-parti tat-triq li tħammlet ser isiru 10 bollards fejn hemm in-niċċa ta' San Spiridjun kif ukoll ser issir un/loading u ser isir parkeġġ fishbone, kompla jgħid illi t-Triq mhux ser tinfetaħ min naħa tat-TMalta izda mis-sid tal-art.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi hemm bzonn li issir pressjoni sabiex tinfetaħ din it-triq għaliex ir-residenti kollha ġew infurmati illi Triq in-Nadur ser issir one way u dawn kollha qed jistennew li ssir minn ħin għal ieħor.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal illi infurmajna lir-residenti anke fuq il-magazin tal-Kunsill illi Triq in-Nadur ser issir one way.

Il-Kunsillier is-Sur Ciantar kompla jgħid illi Triq in-Nadur fejn hemm ic-childcare centre hemm double yellow line ezistenti hu qal illi t-triq hija wiesgħa bizzejjed u dan id-double yellow line jistgħa jitneħħa u b'hekk nirbħu parkeġġi.

Is-Segretarju Ezekuttiv qal illi ma jaqbilx li jitneħħew dawn il-yellow lines għaliex din tkun ta' periklu għal min hu tiela u niezel fi Triq in-Nadur.

Kien hemm qbil unanimu illi l-Kunsill jibgħat korrispondenza lis-Sur Cohen kif ukoll lill-Ministru Piscopo sabiex issir pressjoni biex Triq il-Vjola tkun tista tinfetaħ kemm jista jkun malajr.

2.1.5 Il-Kunsillier is-Sur Daniel Spiteri tkellem fuq paġna 6 artiklu 3.13 u informa lill-Kunsill illi il-players Pakistani iltaqgħu mal-clubs u għaddejjien b'diskussjonijiet.

2.1.6 Il-Kunsillier is-Sur Daniel Spiteri staqsa fuq paġna 4 artiklu 3.5 fiex wasal is-Sur Ryan Portelli fil-proġetti tal-Erasmus+.

Is-Segretarju Ezekuttiv qal illi għadu fil-fazi ta' applikazzjoni u iktar informazzjoni se tiġi provduta iktar 'l quddiem.

Il-Viċi Sindku s-Sinjorina Desiree Attard staqsiet jekk is-Sur Portelli applikax għal dan il-proġett minħabba li fil-laqgħa preċedenti il-Kunsill ġie infurmat illi s-Sur Portelli issuġġerixxa li napplikaw għal dan il-proġett u l-Kunsill qabel.

Is-Segretarju Ezekuttiv qal illi għad hemm diskussjonijiet u l-applikazzjoni għadha ma ġietx sottomessa.

2.1.7 Il-Kunsillier is-Sur Charlot Cassar tkellem fuq paġna 5 artiklu 3.10 u staqsa jekk il-Kunsill tkellimx mat-Transport Malta.

Is-Segretarju Ezekuttiv qal illi hu bgħat email lill-Perit Charlene mit-Transport Malta u infurmatu illi la darba issir il-parti l-oħra tat-triq isiru anke il-culverts.

Il-Kunsillier is-Sur Charlot Cassar qal illi x-xitwa qeda qrib u sakemm issir it-triq u l-culvert il-bidwi ser issofri l-ilmijiet li se jinzlu mit-toroq li għadom kif ġew asfaltati.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi meta l-Kunsill jircievi min naħa tat-Tmalta illi tkun ser issir xi triq tajjeb li l-Kunsill flimkien mal-Perit imorru fuq il-post sabiex jivverifikaw illi jaqblu max-xogħol li jkun ser isir sabiex ma jkunx hemm problemi wara.

Kien hemm qbi unanimu illi nerġgħu nkellmu lill-Perit Charlene mit-Tmalta sabiex nagħmlu pressjoni sabiex isiru l-culverts kemm jista jkun malajr.

- ***Il-Kunsillier is-Sur Charlot Cassar ħareġ mil-laqgħa fis-6:30pm.***

2.1.8 Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal illi meta għamlet ix-xita innota illi l-ilma beda ħiereġ mil-bokka li hemm fil-bandli Pjazza Mifsud Bonnici u jibqa għadej fuq il-bankina dan minħabba li għalaqna l-aċċess tal-ilma meta ingħalaq il-culvert ta' ħdejn il-lights.

Kien hemm qbil unanimu illi nkellmu lill-Kuntrattur Karmig sabiex jagħmel culvert fuq il-bankina.

2.1.9 Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar tkellem fuq paġna 5 artiklu 3.11 u qal illi l-iskart qed jinġabar kmieni ħafna u daħlulu ilmenti illi l-Ħadd qed jinġabar qabel it-tminja u dan mhux kif stipulat fil-kuntratt.

Kien hemm qbil unanimu illi niltaqgħu mas-Sur Antoine tal-R&A u niddiskutu miegħu l-ħinijiet ta' ġbir ta' skart.

3.0 ***Komunikazzjoni u korrispondenza li s-Sindku jixtieq iressaq quddiem il-Kunsill:***

3.1 **PA 4100/16 li tinvolvi applikazzjoni għal lukanda 3 star fi Triq Zonqor u Triq San Ġorġ:**

Is-Segretarju Ezekuttiv informa l-Kunsill illi saret applikazzjoni sabiex tinfetaħ hotel zgħira fi Triq iz-Zonqor u Triq San Ġorġ.

3.2 **Informazzjoni dwar Ġnien Zonqor (35/3189/16/I):**

Is-Segretarju Ezekuttiv qal illi wara li ltaqgħu mall-Perit Lewis dan bagħat il-pjanti finali tal-playing fi Triq iz-Zonqor u kien hemm xi modifikazzjonijiet fejn il-wires tad-dawl issa ser jinbidlu kif ukoll id-dwal, kompla jgħid illi l-istima finali hija dik ta' €158,000.

Il-Kunsillier Lawrence Ciantar ġibed l-attenzjoni illi fil-ħamrija li tidher fil-pjanta it-tfal ser jerġgħu jafġu fiha hekk kif jiġri anke fil-bandli ta' Pjazza Mifsud Bonnici.

Sar qbil unanimu illi nkellmu l-perit William Lewis sabiex isir ir-railing fuq in-naħa tat-triq u fid-dislivell u jizdiedu l-bankijiet.

3.3 **Pjanta mil-perit tal-Kunsill dwar il-possibilita li ssir roundabout fi Triq il-Qaliet kantuniera ma Triq il-Gardiel u Salini (35/3179/16/I):**

Is-Sindku qal illi din kienet mozzjoni li għamel hu sabiex issir roundabout fi Triq il-Qaliet u l-Perit bgħat il-pjanta ta' kif tista issir din ir-roundabout.

Il-Kunsillier is-Sur Daniel Spiteri qal illi din ir-roundabout kienet diġa tezisti ftit taz-zmien ilu u hu jħoss li hija ideja tajba pero staqsa jekk hux ser toħloq aktar traffiku.

Is-Segretarju Ezekuttiv qal illi fl-opinjoni tiegħu din ser toħloq aktar traffiku u jista jkun li għalhekk tneħħiet.

Is-Sindku qal illi tneħħiet meta kien sar l-embellishment kompla jgħid illi tajjeb li apparti li ssir ir-roundabout jittieħed ukoll ftit mill-bankina li hija kbira wisq u b'hekk ikun hemm aktar ftuħ.

Kien hemm qbil unanimu illi l-Perit jagħmel pjanta oħra to scale kif ukoll inaqqas mil-wiesa tal-bankini.

3.4 **PC0041/16 Applikazzjoni biex jinbidel il-building line fi Triq is-Salini (35/3082/16/I):**

Is-Segretarju Ezekuttiv spjega illi l-Kunsill ircieva applikazzjoni min naħa tal-Planning Authority illi saret mis-Sinjura Micallef fejn jidher illi ser ikun hemm modifikazzjoni fl-alignment tal-bini fi Triq is-Salini.

Il-Kunsillier is-Sur Camilleri staqsa jekk dan iffiser li ser tittieħed parti mill-bankina.

Is-Sindku qal illi dan l-applikant diġa spjega lilu fejn qal illi x-xogħolijiet huma minimi minħabba li l-garaxx ta dan l-applikant mhux ser jibqa fil-kantuniera izda ġej fil-faċċata fi Triq

is-Salini u l-Kunsill irid imexxi z-zebra crossing li tinsab fi Triq is-Salini għaliex din tiġi faċċata tal-garaxx.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi tajjeb inkunu ċerti li mhux ser imiss il-bankina għaliex la darba jgħamilha persuna waħda ir-residenti kollha li jinsabu fi Triq is-Salini jkunu jridu jagħmlu l-istess u hu ma dan ma jaqbilx.
Kien hemm qbil unanimu illi ssir laqgħa mal-applikant sabiex jiġi diskuss aħjar x'ser isir.

3.5 **<u>PA 03310/16 Applikazzjoni biex tittieħed parkeġġ u issir bankina quddiem l-isabbiliment Pizza By Luca biex tintuza għall-imwejjed u siġġijiet (35/3145/16/I):</u>**

Is-Segretarju Ezekuttiv qal illi l-Kunsill rċieva applikazzjoni tal-istabbiliment Pizza By Luca fejn qed jitlob li minflok parkeġġ issir bankina sabiex ikun jista jgħamel imwejjed u siġġijiet. Is-Sindku qal illi dan diġa għandu van li jkun dejjem ipparkjat fl-istess post bħala store.

Il-Kunsillier is-Sur Daniel Spiteri qal illi dan diġa għandu parti kbira mill-bankina li għamila restaurant.

Is-Segertarju Ezekuttiv qal illi l-Kunsill diġa tefa l-oġġezzjoni tiegħu għal din l-applikazzjoni.

Il-Kunsill qabel unanimament.

3.6 **<u>Ittra mil-eks kuntrattur tal-lattrini pubbliċi li ma jaqbilx kompletament mad-deċizjoni tal-Kunsill li tnaqqsulu €380 (35/3145/16/I):</u>**

Is-Segretarju Ezekuttiv qal illi l-Kunsill irċieva ittra mill-Kuntrattur li kien jieħu ħsieb il-latrini fejn qed jgħid illi hu diġa ħallas lill-ħaddiem tiegħu u jħoss illi l-ispiza ta' €380 li l-Kunsill iddeċieda li titnaqqaslu mil-aħħar kont għandha tinqasam nofs bin-nofs u l-Kunsill jħallsu l-ammont ta' €190.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal illi l-Kunsill kellu jitħallas ħafna aktar minn hekk mingħand dan il-kuntrattur minħabba li dan ma kienx qed joffri servizz tajjeb lill Kunsill. Kompla jgħid illi l-izball li ilu jagħmel il-Kunsill huwa dak li qatt ma jinħarġu default notices lill-Kuntratturi li jkunu qed jonqsu mis-servizz biex b'hekk meta jinqalgħu problemi bħal dawn ikollu evidenza.

Il-Kunsill qabel unanimament illi ngħatu lura iċ-ċifra ċioe €190 lill-Kuntrattur.

- ***<u>Il-Kunsillier is-Sur Charlot Cassar daħal lura għal laqgħa fis-19:05</u>***

3.7 **<u>Pjanti ġodda sottomessi il-Planning Authority mil-applikant Matthew tas-Summer nights fuq applikazzjoni PA 1903/16:</u>**

Is-Segretarju Ezekuttiv qal illi l-applikant ser izomm in line mal-ħwienet l-oħra u t-timber canope mhux ser issir u minflok qed jipproponi rectratable awning li toħroġ daqs ir-ristoranti l-oħra.

Il-Kunsillier is-Sur Charlot Cassar kif ukoll il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qali illi jekk kif qed jidher fil-pjanta illi l-awning qiegħed livell mal-ħwienet ta' maġenbu u l-ħwienet l-oħra huma ma jsibu l-ebda oġezzjoni.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal illi minn wara dakinhar li ittieħdet deċizjoni li l-Kunsill ma jsibx oġezzjoni la darba it-timber canope titneħħa kien hemm prova meta saret il-European cup fejn in-nies kellhom ħafna ilmenti speċjalment kontra l-Kunsill illi qed jaġevola l-ħwienet u qed jieħu parti mill-ispazju tal-bandli. Kompla jgħid illi hu jħoss illi l-ispazjoni miftuħ tal-bandli għandu jibqa kif inhu u m'għandux jintmiss.

Is-Sindku qal illi jista jagħti permessi ta' mwejjed u siġġijiet la darba tkun ser issir xi event.

Is-Segertarju Ezekuttiv qal illi dawn l-imwejjed u siġġijiet li hemm indikati fuq il-pjanta qiegħdin hemmhekk biex jibqgħu u mhux għal xi event biss. L-applikant kien qed jipproponi li joħroġ iktar imwejjed u siġġijiet skond il-pjanta u dan kien ġie diskuss diġa f'seduta preċedenti.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar staqsa sa fejn ser iwassal l-encrochement.

Is-Sindku qal illi ser iwassal sa ħdejn il-grada pero irtirat il-ġewwa.

Il-Kunsillier is-Sur Charlot Cassar qal illi hu jaqbel mall-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar li l-ispazzju tal-logħob tat-tfal qed jiċkien u għalhekk tajjeb li jkun hawn spazzju miftuħ f'Marsaskala u l-fatt li għamilna l-bankijiet mat-tarf diġa naqqasna mill-ispazzju tal-bandli.

Il-Kunsillier is-Sur Daniel Spiteri qal illi l-Kunsill daħħal din id-drawwa mas-sidien tal-ħwienet illi l-bankijiet huma gwida sa fejn għandhom jinħarġu l-imwejjed u siġġijiet, kompla jgħid illi l-liġi tgħid illi tipjip fil-playingfields m'għandux isir.

Is-Sindku qal illi dement li aħna naqblu mal-encrochement ir-regoli għandhom jiġu mħarsa.

Il-Kunsillier is-Sur Charlot Cassar qal illi irridu nassiguraw l-aċċess mill-imwejjed u l-bankijiet.

Il-Viċi Sindku s-Sinjura Desiree' Attard qalet illi jekk jitħallew 1.5mtrs mill-bankijiet hi ma ssib l-ebda oġezzjoni.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal illi min naħa tiegħu jaħseb illi jekk naċettaw l-imwejjed u siġġijiet ta dan l-istabbiliment, ħwienet oħra jkunu jridu jziedu aktar mwejjed u siġġijiet huma ukoll.

Is-Sindku ppropona illi l-ispazzju jkun skond il-pjanta u l-liġi tiġi osservata din il-mozzjoni ġiet issekondata mill-Kunsillier is-Sur Sandro Gatt.

Ittieħed vot dwar il-mozzjoni tas-Sindku:

Favur- 7- Is-Sindku s-Sur Mario Calleja, Il-Kunsillier is-Sur Charlot Cassar, il-Kunsillier is-Sinjura Elizabeth Cassar, il-Kunsillier is-Sur Daniel Spiteri, il-Viċi Sindku s-Sinjorina Desiree' Attard, il-Kunsillier is-Sur Sandro Gatt, il-Kunsillier John B. Camilleri.

Kontra - 1 – Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal illi hu qed jiġbed l-attenzjoni li kien hemm ħwienet oħra li irrikorrew għand il-Kunsill sabiex izidu l-ammont ta' mwejjed u siġġijiet u anke jekk Il-Kunsill ma tax permess li jsir dan, dawn xorta waħda marru kontra l-Kunsill, kompla jgħid illi tajjeb nieħdu ħsieb l-arbli li hemm fil-bandli għaliex hemm plakka mwaħħla miegħu.

Il-Kunsill qabel unanimament mal-applikazzjoni tas-Sur Matthew Pace skond il-pjanti il-ġodda.

3.8 **Korrispondenza mingħand Enemalta dwar servizz ta' provvista ta' fuel permezz ta' road tanker kull Nhar ta' Tlieta u Ħamis mis-07:00 sal-10:30 u l-Ħdud mis-07:00 sas 13:00 (35/2994/16/I):**

Is-Segretarju Ezekuttiv informa lill-Kunsill dwar din il-korrispondenza.

3.9 **Talba għal Un/loading bay fi Triq il-Qaliet (35/2970/16/I):**

Is-Sindku qal illi s-Sur Scerri qed jitlob sabiex issir Un/loading fi Triq il-Qaliet u tkun tintuza bejn disa ħwienet.

Il-Kunsill qabel unanimament.

3.10 **Applikazzjoni għal Un/Loading bay fi Triq in-Nadur (35/2925/16/O):**

Is-Sindku qal illi l-Kunsill irċieva korrispondenza fejn sid ta stabbiliment fi Triq in-Nadur talab għal Un/loading kompla jgħid illi f'dik l-akwata ma hemmx ħwienet oħra li ser jgħamlu uzu minnha allura ma tistgħax issir għalkemm huwa minnu li xi kultant it-trakkijiet ma jsibux post u jieqfu f'nofs it-triq.

Il-Kunsill ma jsib l-ebda oġezzjoni illi ssir Un/loading bay pero ma tistax issir la darba ma hemmx ħwienet oħra.

3.11 **Risposta mingħand Ryan Portelli dwar applikazzjoni għal fondi tal-EU(35/2883/16/i):**

Is-Sindku qal illi s-Sur Ryan Portelli għadu għaddej bid-diskussjonijiet.

3.12 **Proposta mill-Foundation for tourism zone development biex issir Pjazza quddiem il-knisja minflok is-simenta (35/2918/16/I):**

Is-Segretarju Ezekuttiv qal lill-Kunsill illi irċivejna proposta min naħa tat-Tourism Zone Development fejn ġiet proposta pjazza sabiħa minflok is-simenta fejn jitpoġġew id-dgħajjes .

Is-Sindku qal illi din ser tammonta għal €90,000 liema fondi ser jiġu mit-Tourism Zone Development. Kompla jgħid illi ser ikun hemm clearance tad-dgħajjes li s-soltu ikun hemm f'din l-area u b'hekk ma jkunx hemm aktar eyesore, hu qal illi jekk il-Kunsill ser jaqbel fuq din il-proposta għandna nitkellmu mall-owners tad-dgħajjes sabiex ninfurmawhom fuq dan il-proġett hu qal li mhux ser tkun faċli sabiex naffaċċjaw dawn in-nies pero hija xi ħaġa li trid issir.

Il-Kunsillier is-Sur Charlot Cassar qal illi tajjeb nitkellmu mas-sidien u forsi jinstabilhom post alternattiv.

Is-Sindku qal illi fl-opinjoni tiegħu jistgħu jintefaw ġewwa boat yard bħal ma jsir f'Lokalitajiet oħra.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi fil-kaz li dan il-proġett ma jsirx jew ikun hemm dewmien tajjeb li ma niġux nidru illi neħħejna d-dgħajjes għal persuni li ilhom ipoġġu hemmhekk għal ħafna zmien biex naġevolaw xi nies oħra, kompla jgħid illi ħafna min dawn id-dgħajjes ser jibdew jitilgħu mill-ġimgħa d-dieħla.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal illi irridu noqgħodu attenti li dawn id-dgħajjes ma jibdewx jitpoġġew fit-toroq.

Il-Kunsillier is-Sur Sandro Gatt qal illi dawn għandhom post fejn jistgħu ipoġġuhom cioe ġewwa boat yard kif jagħmlu nies oħra.

Il-Kunsill qabel unanimament li jsir dan il-proġett.

3.13 **<u>Zieda fl-iskala minn Scale 11 għal Scale 10 għal Lucille Bonniċi:</u>**

Is-Segretarju Ezekuttiv qal lill Kunsill illi l-Iskrivana s-Sinjura Bonnici waslet biex tiprogressa għal Skala 10.

Il-Kunsill qabel unanimament.

3.14 **<u>Ħatra ta Deputat Segretarju Ezekuttiv (35/3218/16/I):</u>**

Is-Segretarju Ezekuttiv spejga illi l-Kunsill irċieva korrispondenza mid-Dipartiment fejn infurmaw lill-Kunsill illi għandna naħtru Deputat Segretarju Ezekuttiv f'kaz illi s-Segretarju tal-Kunsill ma jkunx disponibbli, kompla jgħid illi dan is-segretarju Ezekuttiv għandu jinħatar mill-pool li ġie krejat.

Il-Kunsill qabel unanimament illi niktbu lid-Dipartiment illi bħalissa l-Kunsilliera ma jaqblux li jinħatar Deputat Segretarju Ezekuttiv u qed jistennew li jsiru aktar diskussjonijiet u laqgħat dwar dan.

3.15 **<u>Korrispondenza mingħand is-Sur Matthew Mallia f'isem il-grupp Nar u l-Paroċċa biex il-Kunsill jixtri 35 manhole cover biex jitgħattew it-toqob tan-nart tal-art:</u>**

Il-Kunsill qabel unanimament illi jagħtuna siteplan ta' fejn ser isiru dawn il-manhole covers.

3.16 **<u>Informazzjoni dwar ċirkulari numru 11/2016 nfuq l-iskema tac-Cies artiklu 4.4 u 4.5:</u>**

Is-Segretarju Ezekuttiv informa lill-Kunsill illi rċivejna korrispondenza mingħand id-dipartiment rigward l-iskema tac-CIES. Kompla jgħid illi l-Kunsill diġa għandu persuna impjegata miegħu taħt din l-istess skema fejn din il-persuna taħdem seba siegħat fil-ġimgħa dan minħabba li sabet xogħol ieħor u taqsam is-siegħat bejn zewġ xogħolijiet, hu qal illi din il-persuna daqt tagħlaq 4 snin impjegata mall-kunsill u dan ifisser illi din tiġi impjegata b'mod indefinit mal-Kunsill u anke la darba tieqaf l-iskema tac-CIES din xorta tkun impjegata tal-Kunsill.

Is-Sindku qal illi tajjeb nitkellmu mall-ġenitur tagħha flimkien magħha.

Il-Kunsill qabel unanimament.

4.0 ***<u>Awtorizazzjoni tal-Ħlasijiet</u>* :**

4.1 Is-Segretarju Ezekuttiv qal illi fil-pagamenti ma hemmx il-kontijiet tas-Sur John Camilleri il-blacksmith minħabba illi ħarġet call for quotations għal servizz ta' blacksmith u kien is-Sur Camilleri l-uniku wieħed li tefa din il-kwotazzjoni u kemm il-darba jkun hemm qbil illi jintgħazel hu il-pagamenti pendenti jiġu mgħoddija wara.

4.2 Il-Viċi Sindku s-Sinjorina Desiree' Attard staqsiet għaliex jidher li hawn ħafna pagamenti tal-Consumables.

Is-Segretarju Ezekuttiv spjega li dawk huma pagamenti ta' xahrejn li nxtraw mil-ħaddiema mingħand l-ironmonger.

**Il-Viċi Sindku is-Sinjorina Desiree' Attard ipproponiet l-awtorizazzjoni tal-pagamenti u l-Kunsillier is-Sur Charlot Cassar issekonda.**

5.0 **<u>Aġġudikazzjoni tat-Kwotazzjoni MLC 03/2016 - Quotation for the service of a blacksmith to provide various works to Marsaskala Local Council:</u>**

B'referenza għal dan is-suġġett li diġa ġie diskuss f'punt 4.1 is-Segretarju Ezekuttiv spjega lill-Kunsill illi l-unika offerent kien is-Sur John Camilleri u r-rata tiegħu hija €8.02 is-siegħa.

**Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar ppropona l-aġġudikazzjoni ta' din il-kwotazzjoni u l-Kunsillier is-Sur Daniel Spiteri ssekonda.**

Il-Kunsill qabel unanimament illi din il-kwotazzjoni tingħata lis-Sur Camilleri.

6.0 **<u>Aġġudikazzjoni tal-Expression of Interest EOI 01/2016 - Street Advertising rights within the locality of Marsaskala:</u>**

Is-Segretarju Ezekuttiv fetaħ l-expression of interest quddiem il-Kunsill.

Is-Segretarju Ezekuttiv informa lill-Kunsill illi l-persuna li tefgħa l-expression of interest huma is-Sur Simon Coleiro mill-kumpanija REMAX bl-ammont ta' €1,500.

Il-Kunsill qabel unanimament li din l-expression of interest tingħata lis-Sur Coleiro.

- ***Il-Viċi Sindku s-Sinjorina Desiree' Attard ħarġet mil-laqgħa fit-20:30 infurmat lill-Kunsill illi hi taqbel mall-mozzjonijiet kollha li huma pprezentati quddiem il-Kunsill.***

7.0 **<u>Mistoqsijiet :</u>**

Ma kien hemm l-ebda mistoqsija.

8.0 **<u>Mozzjonijiet :</u>**

8.1 **<u>Mozzjoni mressqa mill-Kunsillier- is-Sur John B Camilleri u ssekondata mill-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud (#131-27/7/16):</u>**

"Jipproponi li fi Triq San Guzepp meta tkun ġej min Triq San Luqa tiġi one way."

Kien hemm qbil unanimu li ssir din il-one way mill-ħaddiema tal-Kunsill.

8.2 **Mozzjoni mressqa mill-Kunsillier - is-Sur John B Camilleri u ssekondata mill-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud (#132-27/7/16):**

"Jipproponi li kif tibda Triq San Ġuzepp nagħmlu xi sleeping policeman sabiex jitnaqqas l-inkonvenjent kbir għar-residenti tal-madwar minħabba li ħafna karozzi li jkunu tilajn it-telgħa min Triq Zonqor għal Triq San Ġuzepp iwersqu t- tyres. "

Kien hemm qbil unanimu li ssir tabella accident blackspot minflok.

8.3 **Mozzjoni mressqa mill-Kunsillier - is-Sur John B Camilleri u ssekondata mill-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud (#133-27/7/16:**

"Jipproponi li nwaħħlu bozza fi Trejqa ġewwa San Tumas."

Il-Kunsill qabel unanimament li ssir din il-bozza.

8.4 **Mozzjoni mressqa mill-Kunsillier - is-Sur John B Camilleri u ssekondata mill-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud (#134-27/7/16):**

"Jipproponi li nwaħħlu bozza ġdida fi Triq in-Nadur fejn ma hemmx dawl."

Il-Kunsill qabel unanimament li ssir din il-bozza.

8.5 **Mozzjoni mressqa mill-Kunsillier - is-Sur John B Camilleri u ssekondata mis-Sindku s-Sur Mario Calleja (#135-1/8/16):**

"Jipproponi li l-Kunsill jagħmel talba formali lit-TM Maritime section sabiex jinstallaw electric and water supply box fuq in-naħa tal-brake water taħt Triq is-Salini bħal ma tpoġġiet ġewwa Triq San George b'xejn ."

Kien hemm qbil unanimu illi nagħmlu talba lit-TM sabiex isir din is-supply box.

8.6 **Mozzjoni mressqa mill-Kunsillier - is-Sur John B Camilleri u ssekondata mill-Kunsillier s-Sur Sandro Gatt (#136-17/8/16):**

"Jipproponi li wara li għaddew ftit xhur mhux ħazin u baqa ma sar xejn dwar il-magħluq ta' Marsaskala. Il-Kunsill jerġa jiftaħ id-diskussjoni mall-MMRA peress illi ma kienx hemm ebda zvilluppi dwar dak il-pjan li ġie maqbul magħna sabiex jitranġaw il-kanali tal-ilma għal-baħar u t-tindif ta' l-istess sid storiku. Fl-istess ħin il-kunsill jagħmel pressjoni mal-ferha tal- ambjent li-twaqfet dan l-aħħar sabiex jiġi fis-seħħ kemm jista jkun malajr il-management plan li kien ġie imwiehed bosta xhur ilu. Dan għandu jwassal ukoll għal restawr tal-istess sit."

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal illi fil-prezent hemm applikazzjoni għad-dredging ġol-Magħluq.

Is-Sindku qal illi ser jitkellem fi stat premilinarju pero` wara li sar l-infurzar fuq l-eks Jerma Palace Hotel u ltaqa mas-sidien huma qalulu illi jekk ikollhom il-permessi relattivi għal boutique hotel kif ukoll appartamenti lussuzi qabel irid isir ix-xogħol fuq il-promenade kif ukoll il-Magħluq kompla jgħid illi l-veduti mit-Torri San Tumas mhumiex ser jitgħattew.

Kien hemm qbil unanimu illi nikkomunikaw mad-Director General u l-Hon Herrera sabiex ikun hemm aktar informazzjoni jekk hemmx xi proġetti għal-magħluq.

8.7 **Mozzjoni mressqa mill-Kunsillier - is-Sur Charlot Cassar u ssekondata mill-Viċi Sindku s-Sinjorina Desiree Attard (#137-25/8/16):**

"Jipproponi li b'mod urġenti l-Kunsill Lokali ta' Marsaskala jagħmel talba formali lill-Prim Ministru sabiex jikkonsidra illi l-Gvern jixtri s-sit kollu ta' fejn illum hemm il-fdalijiet ta' dik li kienet il-Jerma Palace Hotel. Għal ħafna snin, il-poplu ġie mċaħħad minn aċċess ħieles ta' din il-kosta u dan barra mill-fatt illi l-bini ta' din il-lukanda qiegħed joħloq impatt negattiv qawwi fuq it-Torri ta' San Tumas u l-ambjent ta' madwaru. L-aċċess ħieles għall-kosta huwa dritt fundamentali tal-bniedem. Għaldaqstant, iż-żewġ ponot tal-kosta f'Marsaskala għandhom ikollhom aċċess liberu għall-baħar u m'għandhomx jeskludu l-poplu. Il-Kunsill qiegħed jitlob ukoll lill-Gvern biex dan is-sit kollu, wara li titwaqqa' l-Jerma, qatt ma jiġi kkunsidrat biex jerġa' jinbena iżda jinzamm fl-istat naturali tiegħu fl-interess dejjiemi tal-poplu Malti."

Il-Kunsillier is-Sur Charlot Cassar qal illi din il-mozzjoni hija dettaljata bizzejjed.

Is-Sindku qal illi fl-opinjoni tiegħu hu ma jħossx li din il-mozzjoni tagħmel sens għaliex il-poplu jrid li ssir il-lukanda u mhux spazju miftuħ.

Il-Kunsillier is-Sur Charlot Cassar qal illi din hija l-ewwel opportunita' li l-poplu ikollu biċċa art lura fejn tista issir spazzju miftuħ, hu qal illi dan minħabba l-fatt li din l-art ser tkun qiegħda tinbiegħ bis-subbasta f'Ottubru u l-Gvern ikun jista jixtri din l-art.

Numru ta' Kunsilliera issuġerew li l-mozzjoni tiġi posposta għas-seduta ta' wara imma l-Kunsillier is-Sur charlot Cassasr iddeċieda li jipproċedi bil-mozzjoni.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi din ġrat diġa` fil-kaz tax-xiri tal-Cafe Premier mill-Gvern.

Il-Kunsillier is-Sur Sandro Gatt qal illi dan l-ispazju qatt ma jista jkun biss lukanda bħal ma kienet għaliex hemm bzonn li jidaħħlu l-flus malajr u dan jista jiġri biss jekk isiru l-arranġamenti neċessarji mal-bank.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal illi mill-feedback li għandu hu jidher li r-residenti ta' Marsaskala jixtieqi li ssir lukanda.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi jekk din l-art ser tinbiegħ u dan il-proġett mhux ser isir hu jaqbel mall-mozzjoni tas-Sur Charlot Cassar.

Il-Kunsill innota li minkejja li l-Viċi Sidku kienet qiegħda tissekonda u allura taqbelmal-mozzjoni, ma kienetx prezenti u allura ma setgħetx tipparteċipa fil-votazzjoni.

Ittieħed vot kif ġej:

Favur - 3 – Il-Kunsillier Is-Sur Charlot Cassar, il-Kunsillier is-Sur Sandro Gatt, il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri.

Kontra – 4- is-Sindku is-Sur Mario Calleja, il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar, il-Kunsillier is-Sinjura Elizabeth Cassar, il-Kunsillier is-Sur Daniel Spiteri.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar xtaq izid jgħid illi l-poplu ilu snin jitlob li fuq l-art tal-Eks Jerma Palace tinbena lukanda oħra u għalhekk qed jivvota kontra.

9.0 **Informazzjoni mill-Kunsilliera :**

Ma kien hemm l-ebda informazzjoni.

10.0 **Aġġornament :**

L-Aġenda ġiet ezawrita kollha u l-laqgħa spiċċat fid-9 :00p.m. Il-Laqgħa li jmiss ser issir Nhar l-Ħamis 22 ta' Settembru fis-6 :00pm.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| _______________ | ________________ |
| **Josef Grech** | **Mario Calleja** |
| Segretarju Ezekuttiv | Sindku |